**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 27 ta’ Mejju 2019**

**Talba Nru: 170/18 CZ**

**Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha BJM Limited skond il-ligi u skond il-polza ta’ assigurazzjoni (Claim C172564)**

**vs**

**Sullivan Maritime Limited (C 20340) bhala agenti tas-scojeta’ estera Grimaldi Euromed Spa**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta’ attrici mressqa fl-24 t’April 2018 u li permezz taghha premettiet:

Is-socjeta' konvenuta ghandha tigi kundannata thallas is-somma ta' erbat'elef u zewg Euro u tmienja u ghoxrin centezmu (€4,002.28) rapprezentanti hsarat u danni sofferti mill-asikurata BJK Limited fuq konsenja ta' seba' colli clothing li kellhom jaslu Malta fil-11 ta' Mejju 2017 sabbord il-vapur Euro Ferry Malta, liema merkanzija originarjament kienet giet mghobbija gewwa trailer ETM 357.

Illi a bazi tal-polza ta' assigurazzjoni rilaxxata mis-socjeta' attrici assiguratrici lil BJM Limited, hija hallset lill-assigurat taghha skond il-ligi u l-istess polza u b'hekk giet debitament surrogata.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors, kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-30 ta' Mejju 2018, is-socjeta' konvenuta wiegbet, fost risposti ohra, illi:

1. Illi preliminarjament, dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni fuq il-kawza odjerna stante li l-polza ta' karigu relevanti ghandha klawsola gurisdizzjonali li tirpprovdi li kull vertenza ghandha tingieb quddiem il-Qorti ta' Napli u dan ai termini ta' Artikolu 742 (6) ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 25 tar-Regolament (EC) 1215/2012.

Illi s-socjeta' konvenuta tat ukoll risposti ohra, izda ghall-fini ta' din is-sentenza tal-lum, il-partijiet qablu li tigi mistharrga u deciza biss din l-ewwel eccezzjoni kif appena riprodotta, u ghalhekk it-Tribunal mhux ser iqis dawk l-eccezzjonijiet l-ohra f'dan l-istadju.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra li l-partijiet qablu li tigi deciza l-ewwel eccezzjoni qabel xejn;

Ra l-affidavit ta' John Galdes  u l-polza ta' karigu esebita mis-socjeta' konvenuta.

Ra d-dokument prezentat b'nota mis-socjeta' konvenuta, ossia l-polza ta' karigu bhala Dok. KM 1.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidra:

Illi fl-affidavit tieghu John Galdes, ghas-socjeta' attrici xehed illi l-klijent taghhom kienet BJM Limited, li kien assikura merkanzija ta' tessuti li kellhom jigu abbord il-vapur Euro Ferry Malta.  Meta t-trailer in kwestjoni wasal Malta, irrizulta li l-merkanzija kienet nieqsa.  Qal ukoll illi fil-mument li t-trailer wasal ghand il-principal tas-socjeta' konvenuta is-sigill tat-trailer kien bla mittiefes, filwaqt illi meta wasal Malta, is-sigill kien miksur.  F'dan il-kaz il-hatt u l-konsenja tal-merkanzija kellha ssir

Malta, u apparti dan bosta xiehda li jridu jittellghu f'dil-kawza huma Maltin, kif ukoll impjegati li hadmu fuq din il-claim.

Illi s-socjeta' kovenuta esebiet il-polza tal-karigu relattiva, li fuq wara taghha, b'tipa verament zghira, fi klawsola tnejn (2) taghha ghandha mnizzel is-segwenti

> Any and all claims and/or disputes arising under the contract of carriage evidenced by this Bill of Lading or in connection therewith shall be brought before and determined by the Courts of Naples, and in accordance with the law of Italy, unless otherwise provided herein. The Carrier, however, reserves the right to take legal action againt the Merchant and/or the Holder as well at any other Competent Court.

Illi fid-difiza taghha permezz tal-ewwel eccezzjoni, li hija l-eccezzjoni li qed tigi ezaminata f'din is-sentenza, is-socjeta' konvenuta ticcita l-Artikolu 742 (6) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll Artikolu 25 tar-Regolament (EC) 1215/2012.

Illi t-Tribunal ra l-artikli appena msemmija, citati mis-socjeta' konvenuta kif ukoll sentenza ohra bejn l-istess partijiet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-7 ta' Marzu 2018, precizament fuq l-istess eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni[1]. Id-differenza bejn il-fatti ta' dik il-kawza u l-fatti ta' din il-kawza, huma biss fil-fatt illi f'dik il-kawza il-merkanzija kienet bil-hsara, filwaqt li f'din il-kawza il-merkanzija ma nstabitx. Din pero' hija xi haga li dwarha se jigi dibattut il-mertu, u m'ghandhiex taffettwa l-eccezzjoni li qed tigi ezaminata llum. It-Tribunal jaqbel u jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet milhuqa minn dik il-Qorti fis-sentenza msemmija u jara li japplikaw ukoll ghall-kaz odjern, u dan specifikament ghas-segwenti ragunijiet:

1. Il-klawsola ta' gurisdizzjoni hekk kif misjuba fi klawsola tnejn (2) tal-polza ta' karigu esebita ghandha tigi interpretata b'mod ristrett, u dan peress li jekk interpretata letteralment, din tkun qed tfisser rinunzja totali ghal jedd ta' azzjoni

[1] Qorti tal-Magistrati (Malta) – Gasan Mamo Insurance Ltd. vs. Sullivan Maritime Ltd – 254/2016 CSH

quddiem il-Qorti jew Tribunal li huwa propjament kompetenti *ratione materiae* f'dan il-kaz.

2. Per di piu', il-mod kif intghazlet il-gurisdizzjoni u kif tnizzlet fuq wara tal-polza ta' karigu huwa mod li huwa konvenjenti biss ghall-bastiment u ghal ebda hadd iehor mill-partijiet;

3. Ghandu jirrizulta, iktar minn hekk, illi mill-mod kif inhu mnizzel il-kliem fil-polza ta' karigu, jidher li dan mhuwiex xi patt maghmul bejn il-partijiet kollha interessati, izda huwa kliem standard li jigi anness mal-polza tal-karigu minghajr ebda hjiel ta' adattament ghall-fattispeci tal-kaz individwali, u f'dan is-sens ghalhekk, jista' jittiehed bhala 'kuntratt furzat' fuq il-partijiet l-ohra fin-negozju tat-trasport, bir-riserva addirittura ghall-bastiment li jekk jidhirlu, jista' jazzjona kontra l-Karigatur fi qrati ohra u mhux necessarjament dawk li ssemmew fi klawsola tnejn (2). Dan apparti li l-karigatur, fil-verita', fil-punt li saru dawn il-kundizzjonijiet kif elenkati fil-bill of lading, ma jkollux kontroll dwar dawn il-kundizzjonijiet ladarba l-merkanzija tkun gia' tghabbiet fuq il-bastiment.

4. Probabbilment, il-metodu maghzul mill-bastiment iwassal ghal metodi ta' dilungar u kumplikazzjonijiet procedurali kbar, apparti l-ispejjez.

5. Oltre hekk, f'dan il-kaz, is-sinistru gie skopert f'Malta, il-merkanzija kienet intiza ghal socjeta' Maltija, assikurata minn socjeta' assikuratrici Maltija, u l-bastiment accetta li jwassal il-merkanzija de quo f'port f'Malta. Dan apparti li x-xiehda li jridu jixhdu dwar l-akkadut, rapprezentanti kemm ta' BJM Limited kif ukoll tas-socjeta' attrici, jinsabu f'Malta, hekk kif jidher anke mill-affidavit ta' John Galdes fuq imsemmi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni billi jichadha u jordna l-prosegwiment tal-kawza. L-ispejjez ta' dan l-episodju qed ikunu riservati ghall-gudizzju finali.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur